# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - MARZU 2010 - NRU. 331**



Il-Paċi tal-Mulej magħkom,

Ħuti ninsabu fi żmien ir-Randan żmien ta' riflessjoni fil-ħajja tagħna, żmien fejn ukoll nirriflettu fuq dak li għamel għalina Sidna Ġesu' Kristu.

U x'għamel għalina, ħafna drabi meta inkunu għaddejin minn żmien ikrah jew inkella ħażin ngħidu li m'għamel xejn għaliex ma nibdewx naħsbu ta' insara li aħna imma inħallu l-umanita' tagħna tirkibna.

U hawn huwa s-sabiħ tal-ħajja, aħna irridu nħossuna li ma aħna xejn u ngħarfu lil Mulej Ġesu' fil-ħajja tagħna u hemm nindunaw kemm Huwa għamel għalina.

Fejn inti Mulej? Għaliex qed tippermetti dan kollu fil-ħajja tiegħi?; għaliex ma nistax insib serħan ġewwa qalbi? Qed inħossni waħdi ma niflaħx iżjed f'din il-ħajja? Inħossni għajjejt nissielet mal-ħajja, ma nistax insib raġuni, ma nistax ngħix iżjed hekk, ma għandix iżjed saħħa biex nagħmel pass ieħor?

Kemm domandi insaqsu, imma qiegħed – qegħda issib ċans titkellem ma Ġesu', tqatta xejn ħin miegħu? Tħallih ikellmek fil-fond ta' qalbek? Għaliex jekk aħna nagħmlu domandi biss imma ma nħallux spazju biex Huwa ikun jista' ikellimna allura għalxejn nagħmlu domandi għaliex qatt ma aħna se insibu risposti. Mela ejjew flimkien minflok noqgħodu ħafna drabi moħna fuq l-oħrajn, jew inkellha naraw kif nagħmlu biex inweggħu lil oħrajn bi kliemna u b'għemilna naraw x'nistgħu nagħmlu. Huwa ħaġa importanti li l-ewwel nett inneħħu s-suppervja li għandna għaliex din ma tagħmilniex nies, imma s-suppervja twassalna biex naraw biss mill-lenti tagħna, moħna fuq l-oħrajn u ma nindunawx li l-problema huwa jiena u mhux l-oħrajn. Għalhekk ejjew f'dan ir-randan inneħħu n-nuċċali skur li għandna f'għajnejna. Aċċetta l-Mulej Ġesu' ġo qalbek u ħallih ikellmek. Ħallih jagħtik l-imħabba u s-serenita' u jekk għandek xi tgħid ma xi ħadd mur sibu u rranġa miegħu. Jekk toqgħod tparla ma ta' madwarek tkun qed tagħmel iżjed ħsara lilek innifsek.

Il-Mulej huwa imħabba u għalhekk lilek irridek li tħobb. Issa f'idejk, dan huwa żmien fejn fih tgħix il-ħajja tiegħek iżjed serena u libera'.

Tkunu imberkien

P. Donald M.Bellizzi Ofm. Conv.
Kappillan

*Ħsieb Spiritwali*

# QED INĊEDU WISQ!!

Żmien ir-Randan - żmien ta' purifikazzjoni, żmien ta' riflessjoni, żmien ta' kjarifikazzjoni, żmien ta' ċaħda, żmien ta' prova, żmien ta' tentazzjoni.......żmien għażiż ħafna biex niskopri jien min jien fil-profond tiegħi innifsi.

Blaise Pascal, teologu Kattoliku Franċiz, jitkellem dwar l-aljenazzjonijiet. Hu qal li aħna ngħixu ħajjitna naljenaw lilna nfusna mill-mistoqsijiet il-kbar tal-ħajja – Min hu Alla? Jien min jien? Għalfejn twelidt? Kif se nsalva? Alla xi jrid minni? Ir-Randan huwa ż-żmien meta jien niffaċċja dawn il-mistoqsijiet, ngħix ħajja sempliċi, insum, niċċaħħad, nitlob, nagħti karita'....ħalli niskopri r-relazzjoni tiegħi ma' Alla kif qegħdha, u nimita lil Alla nnifsu. X'jiġifieri?



L-Ispirtu S-Santu ħa lil Ġesu' fid-dezert, biex għal erbgħin jum hu jiġġarrab mix-Xitan. Huwa l-Ispirtu Qaddis li jieħu lil Ġesu' fid-dezert. Qabel ma huwa jibda l-ħajja pubblika tiegħu, huwa jduq it-tentazzjonijiet mill-aktar profondi, it-tentazzjonijiet li nġarrab jien kuljum. Huma erbgħin jum qaddisa, mhux erbgħin jum ta' kastig. Jien ukoll nittieħed fid-deżert, għax fid-deżert meta jien fil-prova jien niskopri lili nnifsi, jien ninduna min jien.

**L-ewwel tentazzjoni** – Ġesu' huwa bil-ġuħ. Ġesu' huwa ddisprat għall-ikel. Inti tista' tkun l-aktar bniedem ġentili fid-dinja, imma meta ssib ruħek bil-ġuħ għal żmien twil, issir bniedem iddisprat. It-tentazzjoni għal Ġesu' hija kbira...m'hix tentazzjoni biex jissodisfa lil ġismu għal mument, imma hija tentazzjoni biex jibbaża ħajtu f'li jissodisfa lil ġismu, biex iċedi għall-pjaċiri tal-gisem. Kieku ċeda, l-Imħabba t'Alla ma' kinitx se tgħaddi minnu għal għand id-dinja. Meta jien inċedi għal din it-tentazzjoni, jien nibda nfittex li jkolli rasi mistrieħa billi jkolli fuq kollox ħafna flus u kumditajiet u nirvella meta tiġi fuqi it-tbatija, jew il-mard, jew l-inkwiet u l-problemi. U ma nibqax inwassal l-Imħabba t'Alla lil ħuti li ngħix

**It-tieni tentazzjoni** - Ġesu' jiġi muri s-saltniet tad-dinja u x-xitan jgħidlu li kollha jkunu tiegħu jekk jinxteħet jadurah. Iva, is-saltniet, il-poter u l-glorja tad-dinja huma tax-xitan, m'humiex ta' Alla. Hija tentazzjoni qawwija u li tħajjrek. Ix-xitan għandu żewġ ismijiet, l-Akkuzatur, u dak li Jifred. Ħares ftit madwarek. Kull forma ta' poter fid-dinja huwa akkwistat billi nakkużaw u nifirdu. Anki jien individwalment nuża din it-tattika sabiex jiena nibqa' dejjem minn fuq. Jien ukoll naqa' għal din it-tentazzjoni. Jien ukoll irrid inkun xi ħadd kbir, xi ħadd magħruf u ammirat. Mela immaqdar lil ta' madwari sabiex insaltan jien. Inbaxxi u nwaqqa' ġieħ l-oħrajn ħalli dejjem nidher sabiħ jien, dejjem nibqa' minn fuq jien. Imma Ġesu' ma ċediex għat-tentazzjoni tal-glorja u l-poter. Kieku ċeda, kien ikun bħal kull mexxej dinji, jakkwista l-popolarita' għal ftit taż-żmien, u mbagħad jispiċċa u jintesa' kollox. Ġesu' kellu missjoni akbar u aktar serja minn hekk. Is-saltna tal-Messija qatt ma kienet ta' din id-dinja, għalhekk allaħares ċeda għal din it-tentazzjoni.



**It-tielet tentazzjoni** – "Inxteħet minn hawn għal isfel. Jibgħat lill-anġli jieħdu ħsiebek ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla." Din hija l-iżjed tentazzjoni qawwija, it-tentazzjoni li nuża lil Alla, li nimmanipulah minflok naqdih. Aħna lkoll, midinbin, inċedu spiss għal din it-tentazzjoni. Jien irrid inkun alla, irrid inkun iċ-ċentru ta' l-univers, kollox u kulħadd idur miegħi u mal-bżonnijiet tiegħi, anki Alla qiegħed hemm biex jaqdini. U jaqdini malajr kemm jista' jkun, għax inkella nitħawwad u ninfixel. Imma Ġesu' jirreżisti din it-tentazzjoni b'dak il-vers sabiħ – ***Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek***. Inti ma tittestjax lil Alla, Alla jittestja lilek. Inti ma timmanipulax lil Alla, Alla jużak għall- għanijiet tiegħu.

Ġesu' rrezista t-tlett tentazzjonijiet. Mela huwa kien lest għall-missjoni tiegħu. Ix-xitan telaq minn ħdejh sa ma wasal il-waqt. Kien hemm diversi waqtiet, imma l-akbar waqt kien meta kellu jitla' fuq is-salib. F'ħajtek ix-xitan jiġi diversi drabi bit-tentazzjonijiet li kellu Ġesu'. Jiġi f'mumenti opportuni. B'dawn it-tentazzjonijiet inti se tgħaraf min int.

**KUN LEST GĦALIHOM, U RREŻISTI. IĊĊEDIX.**

# DJARJU MARZU

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 1:** | **Ezerċizzi għat-tfal** tal-Parroċċa jippriedka P. Donald M. Bellizzi Kappillan fis-sala tal Kunvent fl-4.30pm<br>**Ezerċizzi Mizzewgin:** Jippriedka P. J. Buttigieg Ofm Cap. fis-7.00pm. |
| **It-Tlieta 2:** | **Ezerċizzi għat-tfal** tal-Parroċċa minn P. Donald M. Bellizzi Kappillan fis-sala tal Kunvent fl-4.30pm<br>**Ezerċizzi Mizzewgin:** minn P. Joseph Buttigieg Ofm Cap. fis-7.00pm. |
| **L-Erbgħa 3:** | **Ezerċizzi għat-tfal** tal-Parroċċa minn P. Donald M. Bellizzi Kappillan fis-sala tal Kunvent fl-4.30pm<br>**Ezerċizzi Mizzewgin:** minn P. Joseph Buttigieg Ofm Cap. fis-7.00pm.<br>Laqgħa min P. Gorg Zammit fuq is-Sagramenti. fl-4.30pm fil-Knisja |
| **Il-Ħamis 4:** | **Ezerċizzi għat-tfal** tal-Parroċċa minn P. Donald M. Bellizzi Kappillan fis-sala tal Kunvent fl-4.30pm<br>**Ezerċizzi Mizzewgin**: minn P. Joseph Buttigieg Ofm Cap. fis-7.00pm. |
| **Il-Ġimgħa 5:** | **Ezerċizzi għat-tfal** tal-Parroċċa minn P. Donald M. Bellizzi Kappillan fis-sala tal Kunvent fl-4.30pm<br>**Ezerċizzi Mizzewgin**: Minn P. Joseph Buttigieg Ofm Cap. fis-7.00pm. |
| **Il-Ħadd 7:** | **It-Tielet Ħadd tar-Randan**. Nofs ta' nhar irtir ġewwa St' Joseph ir-Rabat. Tluq 8.30am minn fejn iz-zuntier |
| **It-Tnejn 8:** | **Ezerċizzi għal Kulħadd** waqt il-quddiesa ta' filgħaxija minn P. Antoine Apap Ofm Conv. |
| **It-Tlieta 9:** | **Ezerċizzi għal Kulħadd** waqt il-quddiesa ta' filgħaxija minn P. Antoine Apap Ofm Conv. |
| **L-Erbgħa 10:** | **Via Sagra** għat tfal fil-Knisja fl-4.30pm.<br>**Ezerċizzi għal Kulħadd** waqt il-quddiesa ta' filgħaxija. Jippriedka P. Antoine Apap Ofm Conv. |

**Il-Ħamis 11:** **Ezerċizzi għal Kulħadd** waqt il-quddiesa ta' filgħaxija Jipriedka P. Antoine Apap Ofm Conv.

**Il-Ġimgħa 12:** **Pellegrinaġġ għar-Redentur ta' Isla**, fejn niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien. Wara immorru nieħdu xi ħaga. **Ezerċizzi għal Kulħadd** waqt il-quddiesa minn P. Antoine Apap Ofm Conv.

**Il-Ħadd 14:** **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan.** Laqgħa Grupp familji insara fl-10.30am, fil-kunvent.

**Il-Ħamis 18:** **L-Ewwel Qrara** għal-dawk it-tfal li se jagħmlu l-**Ewwel Tqarbina** din is-sena. Tajjeb li f'dan il-mument sabiħ għat-tfal ikunu prezenti anke l-ġenituri tagħhom. Ħin fl-4.30pm fis-sala tal-kunvent ta' fejn il-bitħa. Il-Preċett din is-sena huwa fit-30 ta' Mejju.

**Is-Sibt 20:** Fil-Parroċċa issir Dramm tal-Passjoni wara l-Quddiesa ta' filgħaxija, jekk hemm xi ħadd li huwa interessat li jagħti sehmu jista' jikkuntatja lil Kappillan, kull għajnuna hija importanti.

**Il-Ħadd 21:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan**. Via Sagra fuq l-Għolja ta' Ammar Għawdex (ta' Pinu) fejn issir il Via Sagra Meditata, ruzarju u Quddiesa, wara nofs inhar immorru nieklu. Tluq filgħodu min fejn iż-żuntier.

**It-Tnejn 22:** **Ċelebrazzjoni ta' l-Aħħar Ċena** fejn issir il-ħasil tar-riglejn għat-tfal tal-Parroċċa. Ħin 4.30pm fil-Knisja.

**It-Tlieta 23:** 5.30pm Corda Pia Ċelebrazzjoni li fiha jitfakkru b'mod ħaj il-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu u l-għoti tal-Pjagi lill-Patrijarka Missierna San Franġisk.

**Il-Ħamis 25:** Wara Quddiesa ta' Filgħaxija Adorazzjoni ta' fejqan Spiritwali fejn jinzel fostna Ġesu Ewkaristija, u inkunu nistgħu nitkellmu meigħu jżjed mill-qrib. Esperjenza personali toqgħodx lura li tattendi. Imexxi P. Donald M. Bellizzi Kappillan.

**Il-Ġimgħa 26: Tifkira ta' Marija Addolorata.**
**5.10am – Ruzarju, 5.30am Quddiesa; 6.00am Ruzarju, 6.15am Quddiesa; 12.10pm Ruzarju, 12.30pm Quddiesa speċjalment għal ħaddiema. 5.40pm Via Sagra, 6.15pm Quddiesa bil-ħsieb fuq Marija Santissima, animata mil-kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija. 7.00pm Purċissjoni bl-istatwa tad- Duluri. Waqt il purċisjoni jingħad ir-ruzarju Meditat. It- Toroq minn fejn ser tgħaddi l-purcissjoni huma:**
**Triq Burmarrad, Triq id-Dwieli, Triq l-Insolja, Triq Manwel Bonnici, Triq San Pawl Milqi, Triq il-Ġdida fi triq Magħsar, Triq Magħsar, Triq Burmarrad lura għall-Knisja. wara purċisjoni issir quddiesa oħra** fil-parroċċa bil-ħsieb fuq id-Duluri ta' Marija Santissima. Tkun animata ukoll bil-kant. Tajjeb li minn fejn ha tgħaddi il-purċissjoni nixgħelu gallariji u twieqi.

**Is-Sibt u Ħadd : 27-28:** Bazaar B'risq il-festa tal Parroċċa fis-sala tal-Kunvent.

**Il-Ħadd 28: Ħadd il-Palm:** 6.00am Quddiesa. 8.30am Quddiesa fejn jsir it-Tberik tal-friegħi taż-żebbuġ fuq iż-żuntier. 7.00pm Quddiesa, hawn jibda il-ħin tas-sajf, għalhekk il-quddiesa tibda tkun fis-7.00pm u mhux fis-6.15pm.

**It-Tnejn 29:** Il-Kummisjoni Liturgika sejra ittellha iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ikla Lhudija fis-sala tal-Kunvent, wara Quddiesa ta' filgħaxija. Huwa mument sabiħ fejn fiħ flimkien ngħixu dawk il-mumenti li poplu Lhudi stess għex qabel ma ħareġ mill-Egittu u baqa' ifakkar dan iż-żmien. Il-prezz għal din l-ikla huwa ta' 5 euro. Min jixtieq jagħmel din l-esperjenza jagħti ismu lil-Kappillan.

**It-Tlieta 30:** Via Sagra madwar it-toroq tar-Raħal tagħna, fejn din is-sena sejra issir fit-toroq. Fi Triq il-Ġdida fi Triq Magħsar, nidħlu sad-daħla tal-familja Camilleri, inkomplu fi triq il-ġdida u nispiċċaw fl-isqaq tal-familji Borg.

# Rokna għat-Tfal - Marzu 2010

Erġajna ltqajna tfal f'din ir-rokna! Nispera li tinsabu tajbin. Kif tafu fix-xahar ta' Frar, ġewwa Burmarrad ġie jżurna l-Eċċelenza Tiegħu l-Isqof ta' Malta Monsinjur Pawlu Cremona. Din iż-żjara kienet ta' suċċess kbir fejn l-Isqof iltaqa' mar-residenti ta' dan ir-raħal.

Għaliex għandna l-Isqof?

L-Isqof huwa l-Mexxej tal-Poplu t'Alla. Kif għidtilkom qabel, l-Isqof ta' Malta jismu Pawlu Cremona u f'Għawdex insibu lill-Isqof Mario Grech.

Tfal, Ġesu' kien għażel tnax-il raġel biex għamilhom Appostli. Hu riedhom ikomplu x-xogħol tiegħu bħala rgħajja fil-Knisja tiegħu. Mingħajr ir-ragħaj, in-ngħag faċli jintilfu u ma jibqgħux merħla flimkien. In-ngħaġ huma aħna n-nies. Hekk kif Ġesu' tela' s-sema għand il-Missier ħalla f'idejn l-Appostli biex jibqgħu jieħdu ħsieb il-familja t'Alla. Għalhekk tfal, l-Isqof qed ikompli x-xogħol ta' l-Appostli.

Peress li jkollu ħafna xogħol huwa ma jistax iżur il-Parroċċi spiss allura hemm il-Kappillan jew l-Arċipriet biex jieħdu ħsieb huma. Imbagħad jgħidulu x-xoghol li jkunu qed jagħmlu fil-Paroċċa tagħhom. B'hekk l-Isqof xorta waħda jkun jaf x'qed isir.

Tfal, tafu minn kien l-Ewwel Isqof ta' Malta? Dan kien **San Publiju** li kien għażlu San Pawl meta kien hawn Malta. Il-festa ta' San Publiju tiġi ċċelebrata fil-Furjana u tkun l-ewwel festa tal-istaġun tas-Sajf.

Tfal, għandna nuru rispett kbir lejn l-Isqof tagħna, nobduh u nitolbu għalih ukoll. B'hekk il-Mulej jibqa' jgħinu f'dan ix-xogħol u jmexxina f'ismu. Barra minn hekk aħna ma naqtgħux qalbna u jgħinna nibqgħu ħbieb ta' Ġesu'!

**Dawn l-ittri mħawdin huma l-ismijiet ta' għaxar Appostli minn tnax. Irranġahom biex tkun taf min huma.**

**L-ewwel ittra hija lesta.**

T I P E R U P ____________________

N Ġ A W N I Ġ ____________________

M A T S U T ____________________

B A Ġ K U Ġ ____________________

N I R D I I ____________________

A T D E D W T ____________________

M E W A T T M ____________________

Ġ A D U Ġ ____________________

P P I F I L U F ____________________

R A B T I M E L W B ____________________



# FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

## *Nibnu Relazzjonijiet b'Saħħithom*

Kif għidna x-xahar l-ieħor llum ser nitkellmu ftit dwar x'jirrikjedi minna sabiex aħna nibnu relazzjonijiet b'saħħithom; relazzjonijiet li jkunu jistgħu ikunu ta' sostenn għalina anki meta ngħaddu minn żminijiet li ma jkunux daqshekk sbieħ fil-ħajja tagħna.

Ftit ġimgħat ilu smajt b'mara ta' 55 sena li r-raġel tagħha sseparaha ftit ta' żmien wara li saret taf li kellha bżonn il-kura għal marda serja. Aħna li konna nafu lil din il-koppja kollha bqajna skantati għax dawn kienu ilhom miżżewġin xi 35 sena, rabbew it-tfal sewwa, għallmuhom l-iskola u kollox kien jidher miexi sewwa. Iżda jista' jagħti l-każ illi meta din il-koppja ġiet wiċċ imb'wiċċ ma' din is-sitwazzjoni tant diffiċli ma setgħux ikomplu mixjin flimkien.

Diversi studji dwar relazzjonijiet juru illi relazzjonijiet b'saħħithom ikollhom dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

- **Impenn**
- **Rispett**
- **Sostenn**
- **Ugwaljanza**
- **Fiduċja**
- **Liberta'**
- **Mod san ta' kif jiġu risolti l-kunflitti**

## *L-Impenn*

L-Impenn huwa fundamentali għal relazzjoni b'saħħitha. Biex ikollna relazzjonijiet b'saħħithom irridu naħdmu għalihom. Jirrikjedu minnha sforz. Irridu nżommu f'moħħna li r-relazzjonijiet tagħna għandhom bżonn jiġu mġedda kontinwament. Aħna ma nibqgħux l-istess imma ninbidlu u għalhekk ma nistgħux nistennew illi dak li kien jgħodd il-bieraħ se jibqa' jgħodd għal-lum. Għalhekk li nimpenjaw ruħna fir-relazzjonijiet tagħna ifisser illi jkun jimpurtani bis-serjeta' mir-relazzjonijiet tiegħi u naħdem sabiex intejjibhom, anki meta jiġu mumenti ta' qtigħ il-qalb, rabja jew diżappunt. Jistgħu jiġu mumenti meta ma tkunx ċerta jekk il-persuna l-oħra għadux jogħġbok imma jekk hemm l-impenn fir-relazzjoni tagħmel l-isforz biex isostni r-relazzjoni anki meta l-affarijiet ikunu diffiċli.

## *Ir-Rispett*

Ir-rispett jinvolvi li jien nibqa' nistma lill-persuna l-oħra anki meta ma nkunx qed naqbel magħha. Ir-rispett jirrikjedi li jien nibqa' nħobb lill-persuna l-oħra anki meta din il-persuna tkun għaddejja minn żmien diffiċli u ma tibqax tkun kumpanija daqshekk tajba għax tkun inkwetata. Ir-rispett jinvolvi li jien naċċetta l-għażliet tal-persuna l-oħra anki jekk mhux dejjem nifhimhom. Ir-rispett jinkludi li tipprova tifhem lill-oħrajn, u tipprova tara s-sitwazzjoni mill-lenti tagħhom. Ir-rispett jinkludi li jien ma niġġudikax lill-oħrajn.

Għal-lum ser nieqaf hawn iżda fil-ġimgħat li ġejjin inkomplu nħarsu lejn il-karatteristiċi l-oħra ta' relazzjonijiet b'saħħithom u nirriflettu fuqhom bl-iskop illi nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna.

Daniella Zerafa

# TAJJEB TKUN TAF

Kif diġa rajtu u naħseb li indunajtu, beda' x-xogħol kemm fuq l -istatwa tal-Madonna kif ukoll fuq l-istess faċċata. Dan huwa proġett li jirrikjedi ħafna flus imma naf ukoll li intom ġenerużi u għandkom għal qalbkom il-Parroċċa. Barra mit-tisbieħ ta' l-istatwa, li qeda' issir ġdida flimkien mal-arma ta' fuqha, inbidel ukoll il-fontispizju tal-knisja li kien tmermer. Qed jinħadem ukoll, mill kumitat tal-festa, il proġett tad-dwal tal-faċċata għal żmien il-festa titulari.
L-ispiża kollha ser tiġi tiswa 18,000 Ewro, dawn huma imqasmin hekk: l-istatwa u salib ħa jiġu jiswew – 10,252 Ewro barra is-somma tal-vat; il-kumplament huwa għad-dwal ġdid li ser issir fil-faċċata kif ukoll għall-materjal li qed jintuza' fit-tiswijiet li qed issiru fil-faċċata.
Minn qalbi ngħid grazzi lil ħafna volontiera li diġa qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol u tajjeb li naprezzaw ix-xogħol li qiegħad issir. Grazzi ukoll tal-ġabra li saret bieb bieb li laħqet is-somma ta' 663,40 Ewro. Dan il-fond diġa għandu l-flus li nġabru fil-maratona u fil-lotterija li saret b'risq l-istatwa.
Biex inkomplu niġbru din is-somma ser jitpoġġew fil-Knisja żewġ bords maqsumin f'kaxex li kull kaxxa ser tkun f'donazzjoni ta' 5 Ewro .
Il-Quddiem jingħata rendikont aktar dettaljat.
Grazzi ta' kull għajnuna tagħkom.

## *Tajjeb li tiftakar u tnizzel fid-djarju tiegħek:*

- **Is-Sibt 20 ta' Marzu wara Quddiesa ta' filgħaxija play fuq il-passioni ta' Sidna Ġesu'Kristu.**
- **Il-Ħadd 21 ta' Marzu Via Sagra fuq l-Għolja tal-Għammar ġewwa għawdex.**
- **Il-Ġimgħa 26 ta' Marzu: Id-Duluri; Il-Ħadd 28 ta' Marzu Ħadd il-Palm.**
- **It-Tnejn 28 ta' Marzu: Ikla Lhudija**
- **It-Tlieta 30 ta' Marzu: Via Sagra fit-Toroq ta' Burmarrad.**
- **Dan ix-Xahar il-Kappillan sejjer jibda zjajjar fid-djar. Tkunu informati mill-membri tal-kummisjoni Djakonija.**